MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Avviz Numru. 531/2003

**Avviz numru 531/03DM**

**Jeannette van Reeven u Cher Sabina van Reeven**

**Vs**

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentatni tas-socjeta' estera AXA Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tas-socjeta' prevja d-dikjarazzjoni li l-oggett mobbli maqbuda permezz ta' mandat ta' Qbid numru 910/2003, mahrug minn din l-Onorabbli Qorti fuq talba tas-socjeta' intimata, huma fil-fatt proprjeta' ta' l-atturi u mhux ta' Alexander van Reeven li kontrih inhareg l-imsemmi mandat, tiddikjara bhala null u bla effett l-imsemmi mandat ta' Qbid numru 910/2003 u l-proceduri kollha relattivi u sussegwenti u

taghti dawk l-ordnijiet mekhtiega in konnessjoni ma' din id-dikjarazzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.
Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont li s-socjeta' konvenuta tippretendi li tezegwixxi bl-imsemmi mandat huwa ta' elf , sitt mija u tienja u erbghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm1,648.77).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:
1. Is-socjeta' eccipjenti tikkontesta l-fondatezza tal-pretensjoni attrici u ghalhekk jinkombi lill-atturi l-oneru tal-prova skond il-ligi tal-pretensjoni taghhom kif dedotta;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti mill-atturi senjatament l-ircevuti relattivi ghall-akkwist ta' l-ghamara maqbuda u l-'log book' tal-vettura bin-numru BAC–393 jirrizulta illi l-oggetti kollha maqbuda in esekuzzjoni tal-mandat numru 910/2003 fl-ismijiet 'Atlas Insurance Agency Ltd noe vs Alexander van Reeven' maqbuda llkoll mill-poter ta' l-atturi, mhumiex proprjeta' tad-debitur Alexander van Reeven izda huma proprjeta' esklussiva ta' l-atturi Jeanette van Reeven u Cher Sabina van Reeven.

Konsegwentement il-Qorti tiddikjara illi l-ezekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat kif maghmula fuq beni illi huma proprjeta' esklussiva ta' l-atturi u mhux proprjeta' tad-debitur hija nulla u bla effett u tordna r-rilaxx taghhom favur l-istess atturi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------